MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 818/2010

**Roderick Caruana u Lucianne Caruana Catania**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-13 ta’ Awissu 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-esponent Roderick Caruana twieled fl-1 ta’ April 1980 (RC1);

Illi fit-23 ta’ Mejju 2009 huwa żżewweġ lill-esponenti l-oħra Lucianne nee’ Baldacchino (Dok RC2);

Illi xi żmien qabel iżżewweġ l-esponent Roderick Caruana kien żied il-kunjom ta' ommu xebba, u ċjoe' Catania flimkien mal-kunjom Caruana;

Illi mandankollu illum-il ġurnata l-esponent Roderick Caruana rriverta għall-kunjom "Caruana" u dan anke kif tixhed il-Karta tal-Identita' preżenti tieghu (Dok RC3);

Illi *stante* li kunjom l-esponent Roderick Caruana huwa biss "Caruana", inħolqot sitwazzjoni anomala fejn martu, u ċjoe' r-rikorrenti l-oħra Lucianne Caruana Catania għandha kunjom differenti minn ta' żewġha li hu "Caruana" (ara Karta tal-Identita' ta' Lucianne Caruana Catania – Dok RC4)

Għaldaqstant in vista tas-suespost, u *stante* li l-esponent Roderick Caruana kien minn dejjem magħruf bil-kunjom "Caruana", l-esponenti jixtiequ illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom jiġi emendat fis-sens illi fil-kolonna ta' "Isem u Kunjom" tar-raġel jitneħħa l-kunjom ""Catania" mill-istess kolonna. Illi din il-korrezzjoni tirrigwarda korrezzjoni ta' indikazzjoni żbaljata dwar waħda mill-ħwejjeġ imsemmijiet fit-Taqsima III tal-ewwel Skeda li tinsab mal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

Għaldaqstant l-esponenti qegħdin, għar-raġunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-korrezzjoni fl-imsemmi att taż-żwieġ tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv 569/2009 fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom" tar-raġel billi jiġi kanċellat il-kunjom "Catania" minn wara l-kunjom "Caruana".

2. Tiddikjara li konsegwentement kunjom l-esponenti Lucianne Caruana Catania bħala mart l-esponent Roderick Caruana għandu jibda jaqra biss "Caruana" u mhux Caruana Catania.

3. U sussegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jinserixxi u jagħmel dawk il-

korrezzjonijiet meħtieġa fiċ-ċertifikat taż-żwieġ fuq imsemmi kull fejn ikun hemm bżonn.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ppreżentata fis-6 ta' Settembru 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smiegħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qegħdin jesperimentaw din l-azzjoni tagħhom ħalli b'hekk l-esponent ikun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrent jindikaw preċiżament taħt liema dispożizzjoni tal-liġi huma qegħdin jippostulaw dawn il-proċeduri stanti;

3. Illi mandankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk ir-rikorrenti qedgħin jibbażaw il-pretensjonijiet tagħhom taħt l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent umilment jirrileva li dan mhuwiex applikabbli għal każ odjern peress li ma jirriżultax li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-żwieġ numru 569 tas-sena 2009 kien sar xi żball li jeħtieġ li jiġi msewwi. Saħansitra huwa l-istess rikorrenti Roderick Caruana li jafferma fir-rikors ġuramentat tiegħu li meta żżewweġ huwa kien juża' l-kunjom **"Caruana Catania"**. Magħdud ma' dan anke jekk wieħed iħares lejn il-kopja tal-applikazzjoni għall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet taż-żwieġ (Dok DRP 1) u kif ukoll il-kopja oriġinali tal-Att taż-Żwieġ innifsu (dok DRP 2), li t-tnejn ġew debitament iffirmati minnu, wieħed minnufih jista' jinnota li r-rikorrent kien dejjem jidher bil-kunjom **"Caruana Catania"**. Isegwi għalhekk li l-ebda korrezzjoni, tiswija jew bdil ta' kunjom ma jista' jiġi effetwat lill-imsemmi atti taż-żwieġ;

4. Illi dejjem bla ħsara għal fuq espost, fi kwalunkwe każ, mhuwiex akkonsentit mil-liġi illi wieħed bis-sempliċi volonta’ tiegħu jista’ jippretendi li jbiddel kunjomu jew jeżiġi rettifika kull meta jrid u jogħġbu. Għalhekk meta r-rikorrent kien volontarjament għazel li wara l-kunjom **“Caruana”** iżid kunjom xbubit ommu **“Catania”** huwa ma setax jerġa jmur lura mid-deċiżjoni tiegħu. *Inoltre* jekk fi kliem ir-rikorrenti nħolqot xi **‘sitwazzjoni anomala’** din seħħet għaliex ġabha b’idejh huwa stess meta ma niżżilx il-kunjom proprju tiegħu fl-applikazzjoni tat-tiġdid tal-karta tal-identita’ tiegħu;

5. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u għalhekk huwa m’għandux ibati l-ispejjeż tal-kawża stanti;

6. Salv eċċeżżjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit tal-atturi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-1 ta April 2011 wara li l-Qorti akkordat it-talba tal-atturi mhux opposta għal żieda fl-aħħar premessa, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata billi l-attur kien juża kunjom ommu għal żmien qasir.  Ċertament ma jidhirx illi l-konvenut jaħti għall-“iżball” (jekk wieħed jista’ jsejjaħlu hekk) u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------